MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Talba Numru. 69/2003

Joseph u Rita konjugi Portelli

vs

Pasqualino Cefai

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :-

Peress illi fil-5 t'Ottubru 2002, l-attur Joseph Portelli safa' aggredit, imsawwat, u mwegga' mill-konvenut Pasqualino Cefai li ngustament u minghajr l-ebda provokazzjoni mhux biss sawtu u kkagunalu feriti gravi permanenti li dwarhom l-attur sejjer jitlob ir-rizarciment tad-danni f'kawza separata, imma l-istess konvenut ikkagunalu hsarat fil-vettura tieghu (numru FBG-872) fl-ammont ta' mitejn u tnax –il lira Maltin u hamsin centesimi (Lm212.50,0), kif jirrizulta mid-dokument A hawn anness, u oltre dan l-attur

nefaq erba' u tletin Lira Maltin (Lm34) f'kiri ta' karozza self drive, kif jidher mid-dokument B u C hawn ukoll annessi.

Jghid il-konvenut il-ghaliex (i) huwa m 'ghandux jigi ddikjarat responsabbli ghall-incident hawn fuq deskritt, (ii) jillikwida d-danni u cioe' hsarat u hlas tas-self drive sakemm giet irrangata l-vettura tieghu (numru FBG-872) fl-ammont ta' mitejn u sitta u erbghin Lira Malin u hamsin cntezmu (Lm246.50,0).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-20 ta' Mejju 2003, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li minn issa huwa mharrek.

B'rizerva ghal kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi minhabba d-debilitazzjoni permanenti sofferta mill-attur, Joseph Portelli.

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk :-

1. It-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u m'ghandhomx jigu milqugha, u dana stante illi l-konvenut ma kkawza ebda danni lill-atturi ;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sama' l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza, id-dokumenti esibiti;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob ir-rizarciment tad-danni li gew ikkagunati fil-vettura tieghu tal-ghamla van Escort bin-numru ta' registrazzjoni FBG 872 mill-konvenut f'incident li sehh fil-5 ta' Ottubru 2002, fi Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex. Mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta li f'dak l-incident huwa tassew garrab hsarat fil-vettura tieghu li gew kawzati mill-konvenut wara li dawn gew fl-idejn, kif wara kollox jammetti l-istess konvenut fl-istqarrija

li kien irrilaxxja lill-Pulizija fis-6 ta’ Ottubru 2002, fl-Ghassa tal-Pulizija, tar-Rabat, Ghawdex [ara. Dokument AG1]. Deskrizzjoni tal-hsara li giet ikkagunata u stima tal-hsara tirrizulta dettaljatament minn rapport tas-surveyor Charles P. Attard li sar fil-21 ta’ Ottubru 2002 [ara. Dokument A], liema hsara giet stmata li tammonta ghal erba’ mija u hamsa u disghin Euro (€495) ekwivalenti ghal mitejn u tnax –il lira Maltin u hamsin centesimi (Lm212.50,0). L-attur qed jitlob ukoll disa’ u sebghin Euro u ghoxrin centesimi (€79.20) ekwivalenti ghal erba’ u tletin lira Maltin (Lm34) ghall-kiri ta’ vettura kemm il-van damet ghat-tiswija. Prova li saru dawn it-tiswijiet tirrizulta mir-ricevuti fiskali esibiti bhala dokumenti JP1, JP2, u JP3 a fol. 37 u 38 tal-process, u tal-kiri ta’ vettura l-ircevuta relattiva tinsab esibita bhala dokument C a fol.6 tal-process.

Il-konvenut bl-ebda mod ma kkontesta dawn id-danni jew gab prova kuntrarja biex jirribatti l-provi li ressaq l-attur rigward id-danni li gew ikkagunati fuq il-vettura tal-attur. Il-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, izda ripetutament naqas li jidher kemm hu kif ukoll id-difensur tieghu, u l-ftit drabi li deher ma ressaqx provi [ara verbali tad-19 ta’ Gunju 2007, 11 ta’ Lulju 2007, 9 ta’ Ottubru 2007, 20 ta’ Novembru 2007, 15 ta’ Jannar 2008, u 29 ta’ Jannar 2008].

Il-procedura quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar *si tratta* ta’ procedura sommarja bi kriterji kemmxejn differenti minn dawk previsti mil-ligi u adoperati fil-Qrati ordinarji. Certament mhux biss hemm l-element ta’ ekwita’ fl-Att V ta’ l-1995, imma hemm manifest ukoll il-hsieb tal-legislatur li f’kazijiet b’talbiet zghar quddiem tribunal specjali, mahluq *ad hoc*, li dan l-istess Tribunal jimxi bi speditezza, bl-anqas formalizmu possibbli – minghajr, naturalment, ma jikser dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li holqitu. Il-konvenut inghata opportunita’ mhux bizzejjed izda zzejjed biex jekk irid, iressaq il-provi tieghu. Kien l-istess konvenut li ripetutament naqas illi jidher quddiem dan it-Tribunal u milli jikkomunika mal-legali tieghu biex jipprepara u jressaq il-provi u d-difiza tieghu. Fin-nuqqas ta’ provi min-naha tal-konvenut ma hemmx wisq dan it-

Tribunal x'jikkunsidra. Jekk hu minnu illi dan it-Tribunal u kull Tribunal jew Qorti ohra  ghandhom id-dover li jassiguraw li l-ligijiet ta' procedura jservu biex jaghtu l-opportunita` lill-persuna mharrka biex tiddefendi ruhha, daqsant iehor pero` dawn l-istess ligijiet ta' procedura jipprovdu illi "jekk il-konvenut jew l-avukat tieghu, jew, fil-kawzi quddiem il-qrati nferjuri, il-konvenut jew l-avukat jew prokuratur legali tieghu, jonqos li jidher, il-kawza tista' tigi maqtugha skond il-ligi fuq l-atti li jkun hemm wara s-smiegh ta' dik ix-xhieda li l-qorti tista' tqis li tkun mehtiega, ghad li huwa ma jkunx deher" (Artikolu 201, Kapitolu 12) [Appell, Sede  Inferjuri, **Ceilings Systems Ltd. vs D & S Lifts Ltd.**, 16/03/2005]. Parti ma tistax l-ewwel ma tosservax ir-regoli ta' procedura u wara tilmenta li d-dritt taghha ghas-smiegh xieraq gie miksur [Prim'Awla, Qorti Civili, **Anthony Mintoff vs Avukat Generali et**, 07/07/2004]. Parti f'kawza li tonqos milli tressaq provi minkejja li tkun inghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel hekk, ma tistax imbaghad tilmenta ruhha dwar xi ksur tal-principju ta` *audi alteram partem* [Appell Civili, **Perit Guido J. Vella vs Nutar Dr. Emanuel G. Cefai**, 05/10/2001].

Il-principju tal-*audi alteram partem* ma jimportax illi f'gudizzju huwa mprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe` kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanzi tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament [Appell, Sede Inferjuri, **Martin Aquilina vs Christopher Friggieri**, 20/10/2003]. Ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita` bhal meta jigi ngustament rifjutat is-smiegh tal-provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx il-quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull

opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz *imputet sibi* [Appell, Sede Inferjuri, **Rosalind Pantalleresco vs Starbrite Cleaners**, 12/05/2003]. Il-Qorti ghandha d-dover tassigura li l-ligijiet tal-procedura jservu biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita` shiha lil persuna citata biex tiddefendi ruhha u mhux iservu bhala skuzanti biex il-process ma jsirx jew isir sommarjament billi tinstema' l-parti wahda u mhux l-ohra. Mill-banda l-ohra pero' ghandu jkun car ghal kulhadd li l-osservanza tar-regoli tal-procedura hi mehtiega biex jigi assigurat mhux biss l-ordni fil-kondotta tal-kawza imma wkoll ir-regolarita` tal-proceduri b'mod li jigi evitat li ssir ingustizzja mal-kontro-parti kif ukoll ma' haddiehor li jigi pregudikat b'konsegwenza tal-mod ingustifikat kif ikun qed jigi intralcjat ix-xoghol tal-Qrati. Ingustizzja li tista' ssir ukoll bin-nuqqas ta' interess manifest ta' xi parti fil-kawza jew bir-rifjut taghha li tosserva d-digrieti tal-Qorti. Il-principju ta' *audi alteram pertem* ma jimportax illi f'gudizzju huwa imprexxindibilment necessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemghu imma biss illi tinghata lilu d-debita opportunita` li huwa jipproducihom. Kieku kien diversament u cjoe' kieku ma setghetx taht l-ebda cirkostanza tinghata sentenza hlief wara s-smiegh tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni ta' kawza billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament. Ghall-finijiet procedurali hemm diversita` kbira bejn il-kaz fejn ma jinstemghux il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunita' bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smiegh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizjati kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz, fejn minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunita` li jgibhom. F'dan l-ahhar kaz *imputet sibi* [Appell, Sede Inferjuri**, Charles Borg pro et noe vs John Curmi et**, 20/01/2003].

Fic-cirkostanzi t-talba attrici timmerita ghalhekk li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13 tal-Kap.380, u l-artikoli 1031, 1032, u 1033 tal-Kap.16.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin Euro u ghoxrin centesimi (€574.20) ekwivalenti ghal mitejn u sitta u erbghin liri Maltin u hamsin centesimi (Lm246.50,0), rapprezentanti ammont ta' danni li gew sofferti mill-attur Joseph Portelli fil-vettura tieghu, liema danni gew ikkagunati mill-konvenut, bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b'effett mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------